KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 / 2168 0606 / 2765 6502
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru disgħa u tletin (39) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nzammet nhar it-Tlieta, 14 ta' April, 2015, fis-6:55pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anita Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1 Il-laqgħa damet ma bdiet għaliex xi kunsillieri taw l-ilmenti tan-nies li kienu ġabru lis-SE sabiex dawn ma joqgħodux jitnizzlu bħala fil-punti oħra fl-aħħar tas-seduta, u għalhekk il-laqgħa ttardjat b'nofs siegħa.

2 Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet il-laqgħa u qalet it-talba.

3 Hija talbet sabiex Michel Farrugia jkun skuzat għaliex qalet li dan kellu inċident zgħir u jidher li qiegħed rikoverat. Il-Kunsillieri ma kellhomx oġġezzjoni għal dan.

**Punti mill-Minuti.**

4 Dwar il-lampi ta' Triq Karmenu Ciantar, jidher li għandna lampa waħda biss li għadha mhix qed tixhel, skont is-Sindku, filwaqt li l-oħrajn kollha kienu msewwija mill-kuntrattur tal-KLM.

5 Dwar il-proposta ta' tabelli biex is-sewwieqa jgħaddu b'kawtela minħabba apparenza ta' xi qniefed fl-inħawi rurali fi Triq Ħal Kirkop, is-SE kiteb lil min hu konċernat u dawn wiegħduna numru ta' tabelli li se jitwaħħlu minnhom.

6 Sadanittant, kien irrappurtat li xi ħadd qala' t-tabella tal-*one way* minn postha f'din it-triq u kienu osservati xi vetturi telgħin kontra l-*one way* minn Triq Ħal Kirkop. Infatti kellna twissijiet mill-Kunsill Lokali taż-Żurrieq.

7 Hawn reġa' tqajjem il-kaz fejn il-KLM kien issuġġerixxa illi din it-triq issir *one way* fid-direzzjoni li hija preżentement, filwaqt illi Qrendi Road, Żurrieq ukoll kellha tifforma parti mill-pjan u tiġi *one way* fid-direzzjoni opposta, xi ħaġa li ma saritx minkejja it-talba li konna għamilna lil *Transport Malta*, anke biex tingħata kisja tarmac din it-triq rurali li tikkumplimenta ċ-ċirku tal-*one way.* F'dan il-waqt kien hemm diskussjoni dwar Triq Ħal Kirkop biex tinfetaħ *two way* għar-residenti. Madankollu kien innutat li residenti ta' din it-triq m'hemmx wisq iżda hemm ħafna kmamar ġol-għelieqi li llum il-ġurnata qed jgħixu fihom xi wħud. Proposta oħra kienet biex din it-triq tinfetaħ *two way* għan-nies li joqgħodu l-Imqabba; xi ħaġa li mhux kulħadd qabel magħha għaliex hija diffiċli biex tinfurzaha kemm-il darba tkun approvata minn *Transport Malta*. Il-kunsillier Paul Spiteri qal li m'għandniex nikkompromettu is-saħħa u s-sigurta' tan-nies għal ftit tulijiet żejda li jsiru bil-vetturi minkejja li forsi fir-raħal tagħna m'aħniex imdorrijin li nagħmlu.

8 Kien hemm diskussjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-lampi ġodda fl-inħawi tax-Xatba l-Ħamra, f'Ta' Għadajma u f'żoni oħra rurali. Hawn is-SE qal illi f'dawn l-inħawi hekk deskritti bħala *rurali* bħal ta' Għadajma, li wera' minn fuq pjanta li kienu tawna mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, hu probabbli li l-Korporazzjoni Enemalta tesiġi illi titħaffer trinka sabiex jgħaddi l-*main* tal-elettriku kif kienet għamlet fl-inħawi ta' Triq it-Torri Vincenti biex tqabbdu l-lampi li hemm, li wkoll finalment iwasslu għal ta' Għadajma. Issemma' wkoll sqaq fi Triq Valletta li jekk ma saritx it-talba għal illuminazzjoni addizzjonali, se ssir iminentement hekk kif naraw illi

dan hu l-istess wieħed li fih hemm diversi stalel taż-żwiemel minkejja li m'hu reġistrat li joqgħod ħadd fih.

9 Charlene Zammit esebiet pjanta li kien immarkala fuqha is-SE ta' toroq li hemm bżonn li jsiru *oltre* dawk li kienu saru / inbnew fil-leġislatura preċedenti, ewlenin fosthom Triq George Martin, Triq it-Torri, Triq il-Friefet u Triq Baskal Xuereb.

10 F'dan il-punt issemma' l-fatt illi għandna nsegwu diversi talbiet li saru ma' *Transport Malta* sabiex:

- Jittaffew il-problemi ta' Triq tas-Sejba billi tiġi nstallata *zebra crossing*
- Biex jitpoġġew *crash barriers* mal-istatwa l-ġdida ta' Santa Marija fuq il-Mentna u
- Niktbu sabiex tkun approvata (skont il-lista tagħhom din m'hix approvata) iz-*zebra crossing* ta' Triq il-Konvoj ta' Sta Marija fejn intqal illi ħabtu tliet vetturi dan l-aħħar għaliex qabdet u qasmet tifla, ftit passi bogħod fejn tilef ħajtu ġuvni b'mutur is-sena li għaddiet.

11 Kien għaldaqstant suġġerit illi tintalab laqgħa ma uffiċjali ta' Transport Malta.

12 Dwar l-ittra li nkitbet mill-uffiċċju biex il-kaxxi tal-kartun ma jibqgħux jintelqu għal rieħhom quddiem il-bibien tan-nies minn diversi ħwienet, bil-konsegwenza illi dawn itiru bir-riħ, u wkoll il-proposta tal-KLM li jagħmlu bħal gaġeġ biex jintefgħu fiha, Paul Spiteri qal li fl-inħawi fejn joqgħod hu jidher li kien hemm żvilupp pożittiv, anke fejn dawn qed jitħallew.

13 Għall-proposta tagħna tal-proġetti kapitali li intlaqgħet mill-Gvern Ċentrali, is-Sindku qalet li se nkellmu lil Perit William Lewis biex jiddiżinja struttura msaqqfa biex it-tfal ikunu *sheltered* taħtha fil-forma ta' *tinda, gazebo* fi Ġnien Onġi Onġella. Hawn il-kunsillieri qalu li ninħtieġu xi ħaġa li taqa' fl-ambitu tal-ambjent li hemm; struttura trasparenti.

14 Is-Sindku qalet illi l-applikazzjonijiet tal-Fondi Ewropej għadhom ma ħarġux skont xi persuna li hija tkellmet miegħu/magħha fil-Ministeru ta' l-Onor Ian Borg. Madankollu jidher li se jkun hemm opportunitajiet ta' fondi biex ikunu assenjati fuq proġetti ta' enerġija alternattiva.

15 Intant kien identifikat il-post fejn hemm il-latrina pubblika li għandu potenzjal sabiex jittella' sular ieħor fuqu u ovvjament jitpoġġew pannelli solari li peress li dan iħares lejn in-nofs-in-nhar, hemm possibilita' kbira li tkun irkuprata l-enerġija kollha minn pannelli solari biex ikun mitigat il-konsum kemm tal-ilma kif ukoll tal-elettriku. Madankollu biex l-arja tgħaddi lilna u jinbena, hemm spejjeż kapitali kbar. Hawn intqal illi għandna nassiguraw ruħna illi persuna fil-*wheelchair* għandu aċċess għall-latrina pubblika minkejja li ma jeżistux dawn il-faċilitajiet biex wieħed jinqeda'.

16 Xi ħaġa li se taħdem dwarha din l-amministrazzjoni hija l-Berġa tal-Gvern li ntqal li hija inadekwata u fi stat mizerabbli. Dan fl-isfond illi wieħed għandu jitlob b'kawtela li jkunu mogħtija aktar servizzi fil-qasam tal-kura primarja, bħat-test taz-zokkor ecc. Is-Sindku qalet illi minn naħa tagħna diġa' ktibna lill-awtoritajiet sabiex itejbu l-ambjent xejn sabiħ tal-berġa, speċjalment dak tal-bini eżistenti.

17 Wara l-laqgħa li kellhom il-kunsillieri mar-residenti ta' wara l-ġibjun, fuq il-post, intqal illi s-Sindku tkellmet ma' Charmaine Craus, is-Segretarja tal-Onor Ministru Joe Mizzi dwar il-problema li għandhom. Madankollu huma rreferewha għall-Ministeru ta' l-Onor Ian Borg. Dan minkejja li l-KLM qal li hemm bżonn li niltaqgħu ukoll mal-Onor Joe Mizzi minħabba l-problema tal-ilma bil-ġibjun eżistenti u l-ilqugħ tiegħu kif ukoll l-ilma tax-xita tal-*area* ta' wara l-ġibjun.

18 Is-Sindku qalet illi minn Novembru, issa spiċċajna se nagħmlu *week-end break* f'April. Infatti kien deċiż fil-perjodu li nżammet din il-laqgħa u dik preċedenti illi dan jinżamm bejn il-Ħamis, 30 ta' April, u s-Sibt 2 ta' Mejju, fil-lukanda Fortina, għal prezz ta' €75 *half board* kull persuna.

19 Kienu diskussi l-affarijiet loġistiċi biex tittella' l-Festa Ravjul li wkoll hija *item* fuq l-agenda. Is-Sindku qalet illi dan ir-ravjul issa kien deċiz li jkun magħmul minn *grenadine syrup* u l-irkotta. Hija talbet lill-kunsillieri sabiex jattendu għat-tieni laqgħa li se tinżamm f'dan l-uffiċċju mal-każini jumejn oħra fis-6:30pm. Hija kompliet tgħid illi sibna min jagħmel ravjul ukoll *gluton/lactose free* u fil-paġna tal-*facebook* għandna ħafna *likes*. Bħala kampanja promozzjonali se jitqassmu 10,000 *flyer* nhar il-Ħadd, 19 ta' April fil-*Festa Nutella* f'Ħal Qormi, peress li dawn se jkunu l-istess organizzaturi. Hija irringrazzjat lill-*Buz Dov* li qalet li se jagħtina €300 biex ikunu pprintjati dawn il-*flyers*. Intant Charlene Zammit qalet illi se jkun hemm *promo* fuq ir-*radio stations* u wkoll xi *flyers* li se jitqassmu wkoll fil-festival tan-nar u l-Festa Frawli. Bħala preparamenti, il-KLM bagħat *e-mail* lid-Dipartiment tal-Kultura u dawn se jisilfuna bnadar u rifletturi tal-elettiku biex indawwlu Triq Karmenu Ciantar. Grace Marie Mallia talbet illi jkun hemm promozzjoni fuq is-sit elettroniku tal-MTA.

20 Għall-proposta *press conference* dwar is-saqaf tal-Isptar il-Qadim, kien deċiż illi nitolbu lill-Onor Stefan Buontempo, sabiex naraw meta jkun jista' jagħmel il-*press conference* fir-raħal tagħna.

21 Issemma' wkoll il-kors li se jsir mir-Reġjun tan-Nofs-in-Nhar biex min jixitieq jitħarreġ dwar kif jitħaddem l-AED, jkun jista' jagħmel dan. Dan se jsir nhar it-28 ta' April, fis-6:00pm, fl-istess reġjun.

22 Dwar id-dekasteri, Charlene Zammit qalet li qed tipproponi dawn:

- Charlene Zammit – finanzi, fondi Ewropej, proġetti kapitali u infrastrutturali, relazzjonijiet pubbliċi u pubblikazzjonijiet, attivitajiet ġenerali (lokali u internazzjonali), konservazzjoni tal-ilma u żgħażagħ.

- Grace Marie Mallia - Għaqdiet u intrapriżi lokali, trasport pubbliku, turiżmu lokali, kultura u siti storiċi.

- Michel Farugia – Ambjent, manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi, manutenzjoni ta' toroq u bankini, sinjali u marki tat-traffiku.

- Paul Spiteri – sports u attivita' fiżika, enerġija alternativa, tibdil fil-klima u saħħa.

- Anita Farrugia – edukazzjoni, persuni b'diżabilita' u anzjanita' attiva, attivitajiet u organizzazzjonijiet filantropiċi, servizzi ġenerali (elettriku, ilma, telefonija)

23 Hija qalet li dawn il-portafolli se jkunu qed iduru minn kunsillier għall-ieħor minn żmien għal żmien.

24 Kien approvat il-Pjan għal Tliet snin 2015-2017 filwaqt li se nduru l-iskeda tal-excel biex naraw li *additions* qed jaqraw tajjeb, filwaqt li s-SE kien mistoqsi f'hiex qed jintefqu l-ispejjeż tal-uffiċċju, kif ukoll dawk tal-ospitalita'.

25 Dwar il-*U-shaped barrier* li ssemmiet fil-laqgħat preċedenti, biex titwaħħal fi Triq Valletta, is-SE irrapporta lill-KLM illi din saret mill-ħaddiema tal-KLM skont ix-xewqa tal-familja Farrugia li kienu ressqu l-proposta tagħhom lill-kunsillier Paul Spiteri.

26 Is-SE qal li l-audit għas-sena 2014 għadu ma ntemmx peress li l-kumpanija l-ġdida tal-udituri issa qed tieħu *over* minn dik preċedenti u mhux la kemm wieħed jibdel l-idejn. Dan l-ezerċizzju se jkun mifrux fuq aktar ġranet fuq din l-istess mejda bejn l-uditur u s-SE.

27 F'punti oħra issemmew il-ħarġa tal-fuljett li għaddiet kif ukoll dik li fiha l-kunsillieri se jkunu qed jawguraw il-Festa t-Tajba lir-residenti fl-okkazjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju.

28 F'punti oħra ssemmiet il-mawra għal Sqallija li Grace Marie Mallia qalet illi qed tkun offruta bi skont speċjali ta' €5 fuq kull persuna mill-operatur Joe Micallef Travel.

29 F'punti oħra ssemmew il-*Buffet Breakfast* li se jkun ukoll organizzat mill-KLM fil-lukanda San Antonio.

30 Charlene Zammit qalet illi dak in-nhar tal-1 ta' Mejju, fil-*week end break*, ġewwa l-lukanda Fortina, se jkollna quddiesa.

31 Is-Sindku qalet illi x-xogħol ta' ristrutturar fuq il-Ġnien tal-Ġibjun fejn issa hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju, qed isir minn-naħa tad-dipartiment tal-gvern u huwa kollu kemm hu kkummissjonat mis-Soċjeta' Muzikali Madonna tal-Ġilju.

32 Grace Marie Mallia staqsiet għaliex ma telegħetx il-bandiera mal-arblu tal-Imqabba f'Jum il-Ħelsien minkejja li kien hemm mozzjoni fuqha. Is-SE qal li lanqas fl-Għid u l-Ġimgħa l-Kbira ma telgħet, pero' se jistaqsi lil ħaddiema li ssoltu jtellgħuha, filwaqt li se jfakkarhom sabiex din issa titla' fl-1 ta' Mejju u s-Sette Giugno.

33 Il-laqgħa ntemmet fid-9:15pm u se niltaqgħu fl-istess ħin tliet ġimgħat oħra.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*05/05/2015 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |